**L-20 Anniversarju Malta – KEE**




Il-Ftehim ta' Assoċċjazzjoni ffirmat nhar il-5 ta' Diċembru 1970 kien l-ewwel rabta formali mal-Kommunita' Ewropea minn mindu Malta saret indipendenti fl-1964. L-għan ewlieni tal-Ftehim kien li jsaħħaħ u jwessa' ir-rabtiet ekonomiċi u kummerċjali li kien hemm bejn il-Kommunita' Ewropea u Malta. Ir-rabtiet bejn il-Komunita' u Malta baqgħu jitkattru matul is-snin. Fl-1990, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ Munita tal-Fidda "*Proof*" sabiex taħbat ma' l-20 Anniversarju ta' l-iffirmar tal-Ftehim t'Assoċċjazzjoni l-oriġinali ta' l-1970, u biex ifakkar din il-ġrajja. In-naħa ta' quddiem fiha l-Arma ta' Malta maħduma minn mudell ta' l-artist Malti, is-Sur Noel Galea Bason. In-naħa ta' wara, li hi xogħol l-artist magħruf Is-Sur J. Bonnici, turi tiswira simbolika tal-bnadar ta' Malta u tal-Komunita' Ewropea iperpru fuq il-Gżejjer Maltin, fuq l-isfond tal-ħażża ġografika tal-Komunita li dak iż-żmien kienet laħqet kibret aktar.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 4,000 |